MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 597/2002/1

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**Raffaele Portelli & Sons (1917) Company Limited.**

**u**

**Mario u Carol mizzewgin Giacchino.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-24 ta’ Mejju 2002 li permezz taghha s-socjeta’ attrici ppremettiet:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti datati 4 t'April 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor John Cachia Zammit u dak tal-31 t'Ottubru, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone (Dok "A" u Dok "B"), is-socjeta' attrici ikkoncediet "Loan u Overdraft Facilities" lis-socjeta' konvenuta Raffaele Portelli & Sons (1917) Company Limited.

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas- socjeta' konvenuta Raffaele Portelli & Sons (1917) Company Limited fis-somma ta' sebgha u sebghin elf, mitejn u tlett Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm77,203.68) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta' konvenuta Raffaele Portelli & Sons (1917) Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C40", u "D1 sa D4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'April, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Illi biz-zewg kuntratti fuq imsemmija u cioe' dak ta' l-4 t'April 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor John Cachia Zammit u dak tal-31 t'Ottubru, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone (Dok "A" u Dok "B"), il-konvenuti Mario u Carol mizzewgin Giacchino iggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' kummercjali Raffaele Portelli & Sons (1917) Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c id-debiti ta' l-istess Raffaele Portelli & Sons (1917) Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

U illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti fiz-zewg kuntratti fuq imsemmija u cioe' dak ta' l-4 t'April 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor John Cachia Zammit u dak tal-31 t'Ottubru, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone (Dok "A" u Dok "B"), il-konvenuti Mario u Carol mizzewgin Giacchino iggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' kummercjali Raffaele Portelli & Sons (1917) Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c id-debiti ta' l-istess Raffaele Portelli & Sons (1917) Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

U illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 18 ta' Marzu, 2002 li kopja taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. "E" u Dok. "F", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lil Raffaele Portelli & Sons (1917) Company Limited u lil Mario u Carol mizzewgin Giacchino jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u sebghin elf, mitejn u tlett Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm77,203.68) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Raffaele Portelli & Sons (1917) Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C40", u "D1 sa D4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'April, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 18 ta' Marzu, 2002 u tal-Mandat ta' Sekwestru u Qbid li qed jigu ipprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni, u minghajr pregudizzju ghal proceduri ohra ntavolati kontra l-istess Mario u Carol mizzewgin Giacchino mis-socjeta' attrici ghal bilanci ohra dovuti minnhom lis-socjeta' attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa mill-P.L. Joseph Zammit I.D 19834(G) u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati naqsu illi jippresentaw nota tal-eccezzjonijiet u kwindi baqghu kontumaci u dan nonostante l-verbal tad-19 ta' Jannar 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li semghet lill-Prokuratur

Legali Joseph Zammit bhala xhud prodott mill-bank attur.

Billi ghalhekk it-talba tal-bank attur m'hijiex kontradetta.

**Tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk;**

**1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Raffaele Portelli and Sons (1917) Company Limited u lill-konvenuti Mario u Carol Giacchino li jhallsu flimkien u solidalment bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u sebghin elf mitejn u tlett liri maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm77,203.68) bl-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2002 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Marzu 2002 u l-mandati ta' sekwestru u ta' qbid presentati mal-kawza jigu sopportati mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------